MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 762/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Gilbert Busuttil ta' 26 sena bin Anthony u Josephine nee` Mizzi imwieled Pieta` fit-23 ta' Novembru, 1985 u joqghod YMCA Triq San Pawl Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 586785M**

**u**

**Brenda Carabott ta' 23 sena bint Pierre u Josephine nee` Spiteri, imwielda Pieta` fl-1 ta' Ottubru 1987 u toqghod YMCA Triq San Pawl Valletta, detentrici tal-karta ta' l-identita` numru 445887M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli f'Gunju 2011 u fil-gimgha u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l-ligi jw billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u cioe` cirka €,8000, ghad-detriment ta' Pierre Carabott detentur tal-karta ta' l-identita` numru 516258(M) u Josephine Carabott detentrici tal-karta ta' l-identita numru 484056(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu illi jgib mieghu obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` somma ta' flus kontanti li jammontaw madwar €8,000, ghad-detriment ta' Pierre Carabott detentur tal-karta ta' l-identita` numru 516258(M) u Josephine Carabott detentrici tal-karta ta' l-identita numru 484056(M), ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn dokument falz, ai terminu ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammisjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet lill-parte leza Pierre u Josephine Carabott genituri tal-imputata jirtiraw il-kwerela minnhom maghmula;

Rat id-dokument PC ftehim milhuq bejn l-imputat Gilbert Busuttil u l-parte leza;

Ikkunsidrat,

Illi b'referenza ghall-ewwel u t-tieni akkuza billi l-genituri ta' l-imputata Brenda Carabott irtiraw il-kwerela taghhom fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess u dan fil-konfront ta' Brenda Carabott.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati u l-mahfra maghmula mill-parte leza. Oltre l-fatt illi l-imputat Gilbert Busuttil tramite l-genituri tieghu lahqu ftehim mal-parte leza sabiex jigu saldati d-danni sofferti minnhom. Inoltre fir-rigward tal-piena li ser tigi inflitta l-Qorti tistqarr illi ma tistax timxi bl-istess mod maz-zewg imputati billi l-imputata Brenda Carabott ghandha fedina penali nadifa, filwaqt li l-imputat Gilbert Busuttil qieghed prezentament jiskonta piena karcerarja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat fil-konfrot ta' l-imputata Brenda Carabott l-artikoli 332, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront tal-imputat Gilbert Busuttil l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 293, 183, 184 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata Brenda Carabott hatja tat-tielet u r-raba akkuza migjuba kontra taghha filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni akkuza billi dawn gew irrinunzjati mill-parte leza, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'

Malta tqieghet lill-hatja Brenda Carabott taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum u fil-konfront ta' l-imputat Gilbert Busuttil flilwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza billi din hija alternattiva ghall-ewwel akkuza issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghall-perjodu ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja Brenda Carabott bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tonqos milli ssegwi xi kundizzjoni imposta fuqha f'din l-ordni jew jekk tonqos li ssegwi xi ordni mghotija lilha mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------